# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 5/2019

9 ta' April 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

5.1 Qarti tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

.

5.2.1 Is-Sindku qal ref punt 4.2.1 (Triq San Tumas) flimkien mal-perit kien iltaqa' mat-tifel tal-kuntrattura fuq il-post. Is-Sindku qal illi l-perit kien qabel mal-marki li għamel il-Viċi Sindku u li kien immarka postijiet oħra fejn it-triq għandha titqaxxar. Is-Sindku qal illi l-kuntrattura kienet qiegħda tistenna sabiex xi kuntrattur ieħor itiegħa l-paver iż-żgħira.

5.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 4.2.3 (planting scheme) is-Segretrju Eżekuttiv kienet attendiet laqgħa l-Meusac, u kkonferma illi l-Kunsill jista' japlika sabiex isiru ħitan tas-sejjieħ mill-ġdid sabiex indawru s-siġar li tħawlu. Is-Sindku staqsa lil Kunsill jekk kinux jafu b'xi bdiewa li jixtiequ jirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ tal-egħlieqi tagħhom basta jkunu jagħtu għat-triq.

5.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 4.2.4 (sqaq Ħannux) jidher illi ser isir xi żvilupp. Is-Sindku qal illi minn ser jaħdem irid ikollu garanzija tax-xogħol. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi issa fi Sqaq Ħannux kienu tefgħu xi spirtu li qiegħed jinqala'. Il-Kunsill qabel illi għandna nsaqsu lil kuntrattur dwar dan.

5.2.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien iffirma l-kuntratt għar-restoration ta' Ġnien ta' Ball u li x-xogħolijiet kellhom jibdew fi żmien viċin.

5.2.5 Is-Sindku qal illi għal Miżura 4.2 tal-Ġal Xlokk, il-Kappillan kien tah lista'/suġġerimenti ta' xogħolijiet skond il-priorita'. Is-Sindku qara l-lista lil Kunsill u qablu li l-aħjar naraw xi spejjeż jinvolvu dawn il-proġetti sabiex nkunu nistgħu nagħmlu għażla aħjar.

5.2.6 Is-Sindku qal illi rigward ref punt 4.3.3 (submersible pump Misrah San Ġużepp) kien tkellem mal-Viċi Sindku li kien qiegħed jissuġerixxi li s-submersible pump nixtruha imma flok intellgħu l-ilma mill-ġibja li hemm f'Misrah San Ġużepp nibdew ntellgħu l-ilma mill-ġibja li hemm fi Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku qal illi jkun jaqblilna għaliex fi Ġnien Sir Alexander Ball diġa' nħallsu l-kera tal-metre tad-dawl u hekk inkunu qiegħdin nifrankaw l-ispejjeż u anqas problema minħabba l-parkeġġ. Il-Kunsill qabel.

5.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex applikajna sabiex jitħawlu s-siġar fi Triq San Anton. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi konna bagħatna s-suġġeriment tagħna sabiex isir is-survey fejn jistgħu jitħawlu aktar siġar f'Malta.

5.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi rigward ref punt 4.5.3 (Premju Onoreficenza) illi ma għandu xejn kontra min ġie nominat din is-sena pero' qal illi suppost il-Kunsill għandu jkun jaf min kien innominat qabel is-serata tas-Sibt. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.3.1 Is-Sindku qal li kien avviċinah il-kuntrattur li kien għamel l-ewwel parti ta' Sqaq Ħannux għaliex iħoss li l-Kunsill għandu jħallsu għal dan ix-xogħol għaliex ix-xogħol huwa fuq art pubblika, u l-kunsill xorta waħda kien ser jagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill ma qabilx unanimament.

5.3.2 Is-Sindku qal illi daħlulu xi lmenti illi fi Sqaq Ħannux qiegħdin iħallu l-karozzi pparkjati u li minħabba f'hekk jista' jintela' biż-żejt tal-karozzi. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi għandhom jitpoġġew *planters* kbar minn tulu sabiex nostakolaw u ma jsirx parkjar ta' karozzi u fl-istess ħin insebbħu l-ambjent.

5.3.3 Is-Sindku qal illi kien irċieva ilment illi fl-istess area faċċata tal-isqaq Ħannux fejn hemm parti ħierġa l-barra, hemm wieħed b'garaxx li minħabba l-ħajt tas-sejjieħ mhux qed ikun jista' jara min hu ġej minn naħa ta' Triq tal-Ajzar. Is-Sindku qal li din il-persuna qiegħda titlob lil Kunsill sabiex titwaħħal mera faċċata. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.3.4 Is-Sindku qal li kelmitu persuna sabiex l-isqaq wara l-Ġnien ta' Ball jsir bil-konkos. Is-Sindku qal li kien tkellem ma Infrastructure Malta li kienu qiegħdin jissugerixxu li niktbu lil CEO ta' Infrastructure Malta sabiex nidħlu f'agreement, nagħmlu x-xogħol aħna bil-kuntrattur tagħna, u wara l-Kunsill japlika sabiex nitħallsu lura minn Infrastructure Malta.

5.3.5 Is-Sindku qal li kienet kellmitu persuna oħra sabiex l-isqaq li hemm wara c-cimiterju ukoll isir bil-konkos. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li x'aktarx dan l-isqaq kien bl-asfalt u mhux bil-konkos. Il-Kunsill qabel illi xorta għandna nieħdu ċans u naplikaw għalih ukoll.

5.3.6 Is-Sindku qal li l-istess persuna talbet sabiex l-isqaq li hemm wara ċ-ċimiterju jingħata isem. Il-Kunsill qabel illi għandna naraw kif kienu jsibuh żmien ilu dan l-isqaq.

5.3.7 Is-Sindku qal illi rigward il-proġett tat-town twinning li għalih attendejna f'Santiago di Compostela – Spanja, it-tielet konferenza li kellha ssir Malta fil-bidu ta' Mejju issa ser tkun posposta x'aktarx għal wara s-Sajf.

5.3.8 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update tal-Walking Bus. Huwa qal illi peress illi volontiera ma konniex sibna, wara li tkellimna ma Transport Malta ġie deċiż li nagħmluha xorta waħda bid-differenza li issa t-tfal jimxu mal-ġenituri tagħhom stess sabiex ħadd ma jkollu r-responsabbilita' tat-tfal. Is-Sindku qal li bħala proġett pilota ser nibdew bil-walking bus minn Mejju u mbagħad inkomplu f'Settembru li ġej. Il-Kunsill qabel illi bħala żebra

crossing għandha tintuża dik ta' quddiem il-kapillan jew inkella dik ta' quddiem is-sorijiet.

5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.4.1 Il-Viċi Sindku staqsa lil Kunsill jekk il-Kunsill kienx ġie mgħarraf mill-Planning Authority illi fi Triq il-Karwija jitneħħa l-ħajt tas-sejjieħ mill-AFM u minflok isir *fence*. Huwa staqsa jekk hux ser ikun safe għall-pubbliku meta jsir l-isparar. Il-Kunsill qabel illi għandna nikkjarifikaw mal-Planning Authority sabiex naraw il-permessi fuq dan is-sit.

5.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk konniex infurmati illi fi triq Carmelo Caruana ser isiru l-*sleeping policeman*. Is-Sindku qal illi dawn saru sabiex jiġi evitat xi nċident fatali għaliex kienu qed isiru ħafna nċidenti fl-istess post.

5.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi tal-Blood Donation Unit kienu rringrazzjaw lil Kunsill u li kienu urew ix-xewqa illi l-Kunsill jerġa' jieħu sehem f'Settembru li ġej.

5.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi bħal snin oħra ser terġa' ssir il-ħarġa għas-salib tal-għolja u l-mixja mill-Mellieħa għall-Isla b'risq Puttinu.

5.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ser tiġi organizzata attivita' ta' logħob xi darba l-Ħadd.

5.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi persuna fi Triq San Tumas qiegħed jagħlaq it-triq waqt li jkun qiegħed jħott għall-maħżen. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien diġa' bagħat sabiex naraw x'permessi għandu għal dan il-maħżen. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi għandna ngħarrfu lil sid il-maħżem li t-triq qatt ma tista tingħalaq.

5.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet irċiviet talba sabiex il-bank li kien hemm quddiem iċ-Ċentru Parrokjali jerġa' jeħel. Is-Sindku qal illi dan il-bank kien inqala' sabiex ma jkunx ta' tfixkil waqt ix-xogħolijiet ta' restawr tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali.

5.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi sid dar fi Triq Santa Marija għamel il-bankina b'mod perikoluż ħafna. Il-Kunsill qabel illi għandna ngħarrfuh sabiex jirranġaha.

5.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla lmenta illi Ġnien Dun Karm Vella intela' ħaxix, sabiex jinqata'

5.4.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx ikkuntatja lil persuni li nafu li jitimgħu l-qtates sabiex nuruhom li ser nagħmlu post addatat fejn jista' jsir dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għadu ma identifikax il-post allura għadha ma tistax tagħmel dan.

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ġie skużat 7.32pm

5.5 Tender Embellishment Gnien ta' Ball

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi nhar il-Tlieta, 26ta' Marzu kienet għalqet it-tender li konna ħriġna għall embellishment ta' Ġnien Sir Alexander Ball. Hija qalet li għal din it-tender kienet intefgħet offerta waħda biss bl-ammont ta' 47,768 Euros. Is-Segretarju qalet li wara li tiddiskutih mal-perit il-Kunsill ikun jista' jevalwah.

5.6 Korrispondenza

5.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat korrispondenza li konna rċievejna mingħand id-Dipartiment tal-Anzjani fejn qiegħdin jitolbu l-approvazzjoni tagħna sabiex tkun tista' titwaħħal tabella mad-daħla tad-*Day Centre* li tindika l-ġurnata u l-ħinijet f'Ħal Safi, u tabella li turi d-direzzjoni tad-Day Centre fir-r*eception* tal-Kunsill. Il-Kunsill approva t-tabella mad-daħla tad-*Day Centre* biss.

5.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li konna rċievejna korrispondenza jekk aħniex interessati li ningħaqdu f'proġett pilota għal *smart bins* f'zoni pubbliċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward e-mail rigward naħal mahrub. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li konna rċievejna korrispendenza li tgħid illi jekk ikollna lment ta' xi naħal maħrub nistgħu nikkuntatjaw lil din il-persuna u jkun jista' jiġbor in-naħal senza nteress għal kunsill.

5.6.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward triq Carmelo Caruana. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din kien ilment minħabba li qiegħdin isiru ħafna aċċidenti bil-karozzi fil-liwja li hemm fi Triq Carmelo Caruana

5.7 Korrsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

5.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-8:00pm Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju, 2019 fit-5:00pm.

Johan Mula | Doris Baldacchino
Sindku | Segretarju Eżekuttiv